# MONSINJUR LUDOVIK MIFSUD TOMMASI (1796 - 1879)



**DUN LUDOVIK MIFSUD TOMMASI kien wieħed minn tal-ewwel li ħass il-ħtieġa li fil-Liturġija u fil-funzjonijiet tal-Knisja jintuża l-ilsien tal-poplu - il-Malti.** Infatti fis-sena 1853 kien diġa' jittraduċa mil-Latin ħafna mill-Innijiet tal-Brevjar u tal-Missal Ruman. Kiteb aktar minn 500 kurunelli (innijiet) u kien iqassamhom b'xejn lill-poplu: ħafna min dawn il-kurunelli għadhom jintużaw sa llum fil-Paroċċi ta' Malta. Dan is-saċerdot qaddis u għaref twieled f'Bormla fis-sena 1796; ħa id-Dottorat fit-Teoloġija (S.Th.D.,) mill-Univerista' ta' Malta; studja wkoll Ruma fejn ha id-**Dottorat fil-Liġi Kanonika u Ċivili** (J.U.D.) u fis-sena 1834 fetaħ skola fil-Belt għat-tagħlim tal-Lingwi u tal-Letteratura. Kien **Kanonku tal-Kolleġġjata ta' Bormla,** Oratur mill-aqwa u Predikatur tal-Kleru ta' Malta. Meta kellu 72 sena ġie maħtur Monsinjur tal-Kattidral fejn ħa il-pussess fil-15 ta' Junju 1868. Kien ukoll Eżaminatur tal-Kurja għal-Kleru ta' Malta. **Miet fl-Imdina fit-23 ta' Ottubru 1879,** meta kien diġa' tilef id-dawl ta 'għajnejh.

**L-ikbar tifkira li għandna ta' Mifsud Tommasi huwa il-kwadru - Santwarju tal-Kor** tal-parroċċa ta' Bormla. L-Idea ta' dan il-kwadru devot kienet tal-Kan Mifsud Tommasi li minn butu ħallas l-ispejjes meħtieġa. Il-Pittur Pietru Pawl Caruana li pinġa dan il-kwadru, rnexxielu, b'għajnuna u s-suġġerimenti tal-għaref saċerdot Dun Ludovik joħloq wieħed mill-isbaħ kwadri l-aktar artistiċi li l-Arti Maltija qatt setgħet tipproduċi f'dak li huwa suġġetti reliġjużi.

# IL-KUMITAT GĦAQDA DILETTANTI TAL-FESTA JIXTIEQ IL-FESTA T-TAJBA LIL BORMLIŻI KOLLHA